**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 852/2006 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs**
**Mark Scerri**

**Illum 20 ta' Gunju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mark Scerri ID no 178977M.

Billi akkuzat nhar is-6 t'Awwissu, 2003 xi hin wara nofs inhar f'San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti mill-istabbiliment "Di Giuseppe Restaurant" sitwat fi Triq Ball, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u sar ghad-detriment ta' Richard Borg minn B'Kara.

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fil-bieb principali ta' "Di Giuseppe Restaurant" ghad-dannu ta' Richard Borg liema hsara hija ta' aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500.

U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 18 ta' Lulju, 2002 fejn kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar.

U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza ohra datata 25 ta' April, 2003 fejn kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

U aktar talli kiser il-provedimenti ta' l-artiklu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 27 ta' Novembru, 2001 fejn kien misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra jew mibdula.

Rat illi fid-29 ta' Jannar, 2007, din il-kawza giet assenjata lil dak iz-zmien Magistrat Dr. Edwina Grima.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur dak iz-zmien l-Ispettur Christopher Pullicino qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 7 ta' Marzu, 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat illi fid-9 ta' Mejju, 2007, dak iz-zmien il-Magistrat Dr. Edwina Grima halliet il-kawza Sine Die.

Rat illi fl-24 ta' Mejju, 2007, dak iz-zmien Spettur Chris Pullicino ntavola rikors sabiex din il-kawza terga' titqieghed fuq il-lista tal-Qorti.

Rat illi fil-31 t'Ottubru, 2007, dak iz-zmien il-Magistrat Dr. Edwina Grima regghet halliet il-kawza Sine Die.

Rat illi fis-27 t'April, 2018 l-Ispettur James Grech intavola rikors sabiex din il-kawza tigi riappuntata liema talba giet milqugha minn din il-Qorti kif presjeduta.
Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', fedina penali tal-imputat immarkat bhala Dok MS1, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok MS2, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, process verbal.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Gunju, 2019, l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur James Grech irtira t-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar l-20 ta' Gunju, 2019.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka tal-imputat kif ukoll il-fatt li dan il-kaz ilu zmien twil hafna u jmur lura ghas-sena 2003, ghalhekk il-Qorti peress li m'ghandiex ghalfejn zzomm iktar seduti ghal gbir tal-provi u peress li dan il-kaz imur lura ghal hafna snin, ma tarax li piena karcerarja tkun idoneja fic-cirkostanzi.

**Decide:**

Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputat **Mark Scerri** u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 325, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Mark Scerri** hati ta l-ewwel (1), it-tieni (2) u s-sitt (6) imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**